

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Cargill vs Il-Kunsill****(Kawża T-117/14)**

(2014/C 151/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Cargill SACI (Buenos Aires, l-Arġentina) (rappreżentanti: J. Bellis u R. Luff, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013, tad-19 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU L 315, p. 2), sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrenti; u
- tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li l-istituzzjonijiet wettqu żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti billi kkonkludew li kien hemm distorsjoni tal-prezzijiet tal-fażola tas-soja u taż-żejt tas-soja li tiġġustifika l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Antidumping Bażiku <sup>(1)</sup>.
2. It-tieni motiv, li jallega li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Antidumping Bażiku, kif interpretat mill-istituzzjonijiet f'din il-kawża, ma jistax jiġi applikat għal importazzjonijiet minn membru tad-WTO peress li huwa inkonsistenti mal-Ftehim Antidumping tad-WTO.
3. It-tielet motiv, li jallega li l-evalwazzjoni tad-dannu tonqos milli tiegħu inkunsiderazzjoni fatturi li jħollu r-rabta kawżali bejn id-dannu allegat u l-importazzjonijiet li huma allegatament is-suġġett ta' dumping bi ksur tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Antidumping Bażiku.

---

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51)

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – LDC Arġentina vs Il-Kunsill****(Kawża T-118/14)**

(2014/C 151/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* LDC Arġentina SA (Buenos Aires, l-Arġentina) (rappreżentanti: J. Bellis u R. Luff, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea